**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Rikors numru 267/2015**

**GO Plc (C22334)**

**vs**

**Mario Spiteri (KI 781643M)**

**Illum, 04 ta' Marzu, 2020.**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tas-socjetà rikorrenti li talbet lill-Qorti tikkundanna lill-intimat iħallas :

> "lis-soċjetà attrici s-somma ta' tmint elef, tmien mija u tletin euro u hamsa u tmenin centezmu (€8,830.85) rapprezentanti ammont minnek dovut in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni: telefon bin-numru 21571534 (A/C 10196269), 21583135 (A/C 10204909), 21585514 (A/C 10206019), 21583808, 21583809 u 21573602 (A/C 10191977), 21571536 (A/C 10196271) moghtija mis-socjetà attrici skont il-prospetti annessi mmarkati Dok. A sa Dok. E u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subbizzjoni.”

Rat ukoll ir-risposta tal-intimat li tghid hekk:

“1. Illi in linea preliminari u f’kull kaz, it-talba tas-socjetà attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost t-talbiet tas-socjetà attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjetà attrici.

3. Illi s-socjetà attrici ghandha tipprova dak minnha reklamat.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri kif premessi mill-ligi.

5. Bl-ispejjez kollha u b’rizerva ghal kwalsiasi azzjoni ohra spettanti lill-esponenti.”

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-provi.

Rat is-sentenza preliminari taghha dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tat-13 ta’ Marzu 2019.

Rat in-nota konguntiva tal-partijiet tas-26 ta’ Novembru 2019.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ikkunsidrat:

**It-Talbiet u l-Eccezzjonijiet fil-Qosor**

Illi f'din il-kawza, is-socjetà rikorrenti qed titlob il-hlas tas-somma ta' tmint'elef, tmien mija u tletin euro u hamsa u tmenin centezmu (€8,830.85) rapprezentanti ammont dovut mill-intimat in konnessjoni mas-servizzi ta' komunikazzjoni ta' diversi linji tat-telefon.

Illi permezz ta' nota prezentata fis-26 ta' Settembru 2018[1], is-socjetà rikorrenti rriduciet l-ammont mitlub ghal tmint'elef erba' mija u erbghin Ewro u tmienja u erbghin centezmu (€8,440.48).

L-intimat eccepixxa illi (1) l-ammont mitlub huwa preskritt taht l-Artiklu 2156 (f) tal-Kapitolu 16, (2) it-talbiet tas-socjetà rikorrenti huma infondati fid-dritt u fil-fatt, (3) is-socjetà rikorrenti ghandha tipprova t-talba taghha, (4) salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni**

Illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni diga giet deciza bis-sentenza ta' din il-Qorti tat-13 ta' Marzu 2019, fejn il-Qorti cahdet din l-eccezzjoni.

**Provi**

Illi fil-mertu l-partijiet ressqu diversi provi.

---

[1] A folio 122 tal-process.

Illi permezz ta' nota konguntiva tal-partijiet prezentata fis-26 ta' Novembru 2019, il-partijiet infurmaw lill-Qorti illi huma kienu waslu ghall-ftehim u talbi li l-Qorti tghaddi ghas-sentenza u tinkorpora tali ftehim fis-sentenza taghha.

Illi l-imsemmija nota konguntiva taqra hekk:

*'Nota konguntiva tal-Partijiet*

*Illi permezz taghha umilment jinfurmaw lil din l-Onorabbli Qorti li huma lahqu s-segwenti ftehim:*

1. *Illi l-intimat Mario Spiteri jammetti t-talba u jaqbel li jhallas lis-socjetà GO p.l.c. li minn naha taghha taccetta a saldu ta' dak dovut mill-intimat l-ammont globali ta' erbatax-il elf u hames mitt Ewro (€14,500), in kwantu ghas-somma ta' tmint'elef erba' mija u erbghin Ewro u tmienja u erbghin centezmu (€8,440.48) rapprezentanti s-sorte dovta mertu tal-kawza odjerna u in kwantu ghar-rimanenti bilanc ta' sitt'elef u disgha u hamsin Ewro u tnejn u hamsin centezmu (€6,059.52) rapprezentanti l-ispejjez, inkluz dawk tal-kawza odjerna, u kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficcjali datata 05 ta' Dicembru 2008 u l-imghaxijiet, dekorsi sal-lum;*

2. *Illi l-imsemmija somma ta' erbatax il-elf u hames mitt Ewro (€14,500), ghandha tigi mhallsa mill-intimat Mario Spiteri permezz ta' pagament akkont fl-ammont ta' hamest'elef Ewro (€5,000) u l-bilanc ta' disat'elef u hames mitt Ewro (€9,500) permezz ta' dsatax il-pagament mensili ta' hames mitt Ewro (€500) kull wiehed u dan b'effett mill-01 ta' Jannar 2020;*

3. *Illi l-intimat Mario Spiteri jobbliga ruhu li jaffettwa l-pagamenti hawn fuq imsemmija b'mod regolari kull xahar minghajr interruzzjoni jew dewmien;*

4. *Illi fl-eventwalità li l-intimat Mario Spiteri ma jonorax l-obbligi tieghu ta' hlas, anki jekk f'okkazjoni wahda, huwa immedjatament jitlef il-beneficcju ta' hlas dilatat u l-ammont kollu dakinhar dovut isir dovut f'daqqa u li fuq l-imsemmi ammont jibdew jiddekorru l-imghaxijiet bi-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mill-ewwel jum immedjatament wara d-data tal-ahhar pagament;*

5. *Illi s-socjetà GO p.l.c. jkollha d-dritt li tiehu dawk il-passi legali kollha, inkluz permezz tal-hrug tal-mandati ezekuttivi, in kawtela tal-interessi taghha, u dan minghajr ebda htiega ta' xi pre-avviz, f'liema eventwalità, l-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-intimat Mario Spiteri.*

*Illi in segwitu ta' tali ftehim, bil-prezenti l-Partijiet qeghdin umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fil-waqt illi tghaddi ghas-sentenza, tinkorpora dan il-ftehim fis-sentenza taghha.'*

Illi fis-seduta tal-lum stess, is-socjetà rikorrenti infurmat lill-Qorti li l-intimat qed izomm mal-imsemmi ftehim u fil-fatt hallas kemm is-somma ta' hamest'elef Ewro (€5,000) ai termini ta' l-ewwel paragrafu tal-istess ftehim u qieghed ukoll jonora l-obbligu tieghu tal-pagament mensili ta' hames mitt Ewro (€500) ai termini tat-tieni paragrafu tal-istess ftehim.

Illi in vista ta' tali ftehim milhuq bejn il-partijiet, it-talbiet tas-socjetà rikorrenti jinsabu pruvati.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat, tilqa' t-talba tas-socjetà rikorrenti u tikkundanna lill-intimat ihallas il-bilanc dovut, li illum huwa fl-ammont ta' tmint'elef Ewro (€8,000)[2], liema ammont ghandu jithallas f'pagamenti mensili ta' hames mitt Ewro (€500) kull wiehed, liema pagament ikun dovut fl-ewwel ta' kull xahar. B'dana illi f'kaz li l-intimat Mario Spiteri ma jonorax l-obbligi tieghu ta' hlas, anki jekk f'okkazjoni wahda, huwa immedjatament jitlef il-beneficcju ta' hlas dilatat u l-ammont kollu dakinhar dovut isir dovut f'daqqa u fuq l-imsemmi ammont jibda jiddekorri l-imghax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mill-ewwel jum immedjatament wara d-data tal-ahhar pagament. Spejjez tal-ittra ufficcjali tal-05 ta' Dicembru 2008 u tal-prezenti procedura a karigu tal-intimat, b'dana illi jigi sottolinejat li l-istess spejjez, ai termini tal-imsemmi ftehim[3], gia gew inkorporati fl-ammont dovut mill-intimat.

Moqrija

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur

[2] €14,500 - €5,000 - €500 (pagament 01/01/2020) - €500 (pagament 01/02/2020) - €500 (pagament 01/03/2020) = €8,000.
[3] Kif dikjarat fil-paragrafu 1 tal-ftehim.